Malta-EU Steering & Action Committee

**Seminar għal Kunsilli Lokali**
**dwar Skema ta' Aċċessibilità u**
**Opportunitajiet ta' Fondi mill-Pjan ta' Żvilupp Rurali (2007-2013)**
**organizzat mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni.**

**Kunsill Lokali Naxxar**
**6 ta' April 2009**

**Diskors tal-Egħluq mill-Kap tal-MEUSAC, Dott. Vanni Xuereb.**

Mit-twaqqif mill-ġdid tal-MEUSAC disa' xhur ilu, il-Gvern poġġa bħala waħda mill-miri ewlenin għall-MEUSAC l-assistenza lill-kunsilli lokali f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjonijiet għal proġetti taħt il-programmi tal-Unjoni Ewropea. Għalkemm it-taqsima tal-*Funding* fil-MEUSAC ilha topera biss għal erba' xhur, kuntent ngħid li minbarra l-assistenza li pprovdejna lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex japplika għal proġett biex isaħħaħ il-kapaċità ta' membri u uffiċjali tal-kunsilli lokali fit-tmexxija u l-amministrazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu l-programmi u fondi tal-UE, qed nassistu numru dejjem jikber ta' kunsilli biex japplikaw għal proġetti taħt diversi programmi fosthom, *Europe for Citizens*, *Youth in Action*, u l-Programm MED. Bejn Diċembru tas-sena l-oħra u Marzu ta' din is-sena, saru b'kollox 31 laqgħa bejn l-uffiċjali tat-Taqsima tal-*Funding* u l-kunsilli lokali. Dan, minbarra d-diversi seminars organizzati mill-MEUSAC permezz tat-Taqsima tal-Informazzjoni matul dawn l-aħħar disa' xhur. Biex inlaħħqu mal-volum dejjem jikber ta' xogħol, żiedna n-numru ta' uffiċjali mal-MEUSAC u propju f'dawn il-ġranet qed nikkonkludu l-proċess biex jidħlu żewġ uffiċjali ġodda fit-Taqsima tal-*Funding*.

Naturalment, il-MEUSAC joffri wkoll assistenza lil organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u anke lil dipartimenti tal-gvern u entitajiet oħra fis-settur pubbliku. S'issa, bejn il-kunsilli lokali, l-NGOs u dipartimenti u entitajiet oħra tal-gvern, il-MEUSAC assista fis-sottomissjoni ta' 37 applikazzjoni li jirrappreżenta fit-total, talbiet għal fondi fl-ammont ta' € 6.385,772. Naturalment, m'hemm ebda garanzija li l-applikazzjonijiet kollha jintlaqgħu, iżda soddisfatti li s'issa, ir-risposti li rċivejna kienu pożittivi.

Fost l-applikazzjonijiet li kellhom suċċess hemm dik li għamilna aħna stess bħala MEUSAC flimkien ma' 21 kunsill lokali għal Konferenza Internazzjoni għall-kunsilli lokali u l-ibliet ġġemellati magħhom fil-Bulgarija, il-Greċja, l-Olanda, ir-Renju Unit, l-Italja u Spanja. Iktar minn mija u ħamsin parteċipant minn Malta u minn dawn il-pajjiżi se jiltaqgħu għal tlett ijiem bejn it-13 u l-15 ta' Mejju li ġej biex jaqsmu ma' xulxin ideat, riċerka u prattiċi tajba dwar materji li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp sostenibbli.

Nista' ngħid li bħala MEUSAC, soddisfatti b'mod ġenerali bil-ħidma li qed issir flimkien mal-kunsilli lokali. Din il-ħidma trid issir abbażi tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni li jiġi ffirmat bejn il-

**280 Republic Street Valletta VLT 1112**
**Tel. 2590 9101 Fax 2122 7580 Email: info.meusac@gov.mt**

Malta-EU Steering & Action Committee

MEUSAC u l-kunsill lokali li nkunu ħa nassistu, biex it-termini ta' din il-kooperazzjoni ta' bejnietna jkunu ċari. Ippermettuli nfakkar xi punti minn dan il-ftehim:

Il-MEUSAC jassisti lill-kunsilli lokali:

- fl-għażla, it-tħejjija u t-tifsir tal-proposta ta' proġett;
- fl-għażla tal-iktar programm adattat għall-proġetti proposti;
- fit-tħejjija tal-applikazzjoni.

Għal dan il-għan, naħtru uffiċjal tagħna biex jassisti lill-kunsill lokali għal proġett partikolari.

Il-Ftehim isemmi wkoll x'inhuma l-obbligi tal-kunsilli lokali:

- Ir-rispett għad-*deadlines*;
- Il-kunsill irid jipprovdi d-dokumentazzjoni u d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji;
- Il-kunsill jaħtar persuna speċifika biex iżżomm il-kuntatt mal-MEUSAC;
- Il-kunsill jintrabat li jieħu sehem f'taħriġ organizzat mill-MEUSAC jew minn entitajiet uffiċjali oħra dwar l-immaniġjar ta' proġetti Ewropej;
- Il-kunsill għandu jipparteċipa f'attivitajiet b'tema Ewropea organizzati mill-MEUSAC jew minn entitajiet uffiċjali oħra bħal laqgħat pubbliċi, fieri, esibizzjonijiet eċċ.

Qed insemmi dan kollu għax xi kultant faċli li għax is-servizz li noffru bħala MEUSAC jingħata bla ħlas, wieħed ma japprezzax biżżejjed il-fatt li l-uffiċjali tagħna qed jaħdmu bla nifs biex jgħinu lil KULL MIN jitlobna l-għajnuna. Biex fi tlett xhur saret dik il-ħidma kollha li semmejt iktar qabel minn żewġ persuni fit-Taqsima tal-*Funding*, nixtieqkom tapprezzaw b'liema intensità dawn l-uffiċjali tagħna qed jaħdmu.

Id-*deadlines* ma nagħmluhomx aħna iżda huma stabbiliti mill-programmi tal-UE nfushom. L-istess għad-dokumentazzjoni kollha li tintalab. Għalhekk, għamilniha ċara u qed ninsisti fuq dan il-punt jien ukoll illum, li l-MEUSAC mhuwiex responsabbli f'każ li intom ma tatunix d-dokumentazzjoni u t-tagħrif sħiħ li nitolbu mingħandkom jew jekk ma żżommux mad-*deadlines* li jingħatawlkom. Nitlobkom tapprezzaw ukoll, li meta l-uffiċjali tagħna jkunu qed jaħdmu fuq l-applikazzjoni tagħkom, magħha jkollhom ukoll numru konsiderevoli ta' applikazzjonijiet ta' kunsilli jew organizzazzjonijiet oħra. Il-MEUSAC jassistikom bil-qalb kollha u bl-aħjar riżorsi tagħna iżda ma nistgħux nagħmlu x-xogħol tagħkom għalikom. L-għan tagħna hu li filwaqt li ngħinukom tapplikaw darba, darbtejn, fl-istess ħin inkunu qed ngħaddulkom il-ħila neċessarja biex għada, pitgħada tibdew tapplikaw mingħajr il-bżonn tal-għajnuna tagħna ħlief forsi biex nibqgħu nservu bħala punt ta' referenza fejn tistgħu tirrikorru meta u fejn ikun hemm bżonn.

Għalhekk, l-appell tiegħu hu li nkomplu b'din il-ħidma tagħna flimkien. L-għan tagħna huwa wieħed: li ngħinukom taħtfu kull possibiltà miftuħa għalikom, inkluż dawk taħt il-Fond mill-Pjan ta' Żvilupp Rurali, biex il-lokalitajiet tagħna f'Malta u Għawdex ikomplu jtejjbu l-kawlità tal-ħajja tar-residenti tal-ibliet u l-irħula tagħna.

**280 Republic Street Valletta VLT 1112**
**Tel. 2590 9101   Fax 2122 7580    Email: info.meusac@gov.mt**